**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

**Magistrat Dr Ian Farrugia**

**(Il-Pulizija)**

**Spettur George Frendo**

**Vs**

**Heathcliff Farrugia**

**Illum, 27 ta` Mejju 2024**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat **Heathcliff Farrugia** ta' 40 sena iben Saviour u Mary nee Borg imwieled Pieta nhar is-26 ta' Frar 1980 u residenti gewwa Victoria Flat 7, Penthouse, St. Mary Street, Naxxar detentur tal-karta ta' identita numru 128380(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta` Settembru 2019;

1. Bhala funzjonarju pubbliku, kxift minghajr awtorita legittima informazzjoni li kienet ghandek minhabba l-kariga li inti tokkupa (Art 9(1) tal-Kap 50);

2. Bhala ufficjal ta' awtorita' sorveljanti zvelajt lil terza persuna, b'mod iehor minn kif previst f'dan ir-regolament, li tkun twettqet, tkun qeda, jew tista titwettaq xi analizi jew investigazzjoni (Art 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01);

3. Bhala ufficjal pubbliku meta kont sirt depozitarju ta` sigriet li gie fdat lilek, kxift dan is-sigriet (Art 257 tal-Kap 9);

4. Bhala ufficjal pubbliku, ikkomunikajt fatt li kien gie fdat lilek jew li kien maghruf lilek minhabba l-kariga jew impieg tieghek u li kellu jibqa' sigriet u li ghent biex jigi maghruf (Art. 133 tal- Kap 9);

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' flejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll qeda tigi mitluba tapplika l-piena tal-interdizzjoni generali temporanja jew perpetwa.

Rat l-Atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat u qieset sew in-noti ta` sottomissjonijiet, dik tal-prosekuzzjoni pprezentata fl-atti nhar l-24 ta' Mejju 2023 u dik tad-difiza pprezentata nhar il-31 ta' Mejju 2023.

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li rrizulta f'dan il-procediment kien, in succint, is-segwenti.

**L-Ispettur George Frendo** xehed nhar it-22 ta' Novembru 2021 u stqarr li fis-sena 2020 kien jokkupa l-kariga ta' spettur stazzjonat fid-dipartiment tar-reati finanzjarji. Jghid li kien inghata inkarigu mis-superjuri tieghu sabiex jinvestiga numru ta' chats li hargu minn estrazzjoni ta' mobile phone ta' Yorgen Fenech li kien ittiehed f'Novembru 2019. F'dan il-mobile phone kien hemm numru ta' chats u uhud minnhom ghaddew lilu ghall-investigazzjoni. Wahda minnhom kienet tappartjeni lil Yorgen Fenech ma Heathcliff Farrugia li dak iz-zmien kellu l-kariga ta' CEO tal-Awtorita tal-Loghob f'Malta. Illi fost dawn ic-chats li gew estratti mill-esperti tal-Europol, il-pulizija analizzaw din ic-chat partikolari, relatat ma suspett ta' hrug ta' informazzjoni ufficjali u professjonali. Din il-komunikazzjoni fiha 24 pagna u hija datata f'gurnata wahda 23 ta' Settembru, 2019. Din sehhet bejn 21:19pm u l-22:08pm.

Minn din il-komunikazzjoni gie stabbilit li Yorgen Fenech kien tkellem ma Heathcliff Farrugia wara li qal li hassu dizappuntat bir-rizultat tal-Compliance Review li kienet saret kontra l-hasil tal-flus gewwa Tumas Gaming Limited li din tal-ahhar thaddan fiha l-Oracle Casino u l-Portomaso Casino li huma it-tnejn licenzjati mal-Awtorita tal-Loghob. Yorgen Fench jghid lil Healthcliff li l-iskop ta' din ir-review kien biss sabiex jaghmel reputazzjoni hazina lill-organizazzjoni tieghu. Fil-messaggi bejn iz-zewg persuni, jghid li l-oggezzjonijiet tieghu ghar-rizultati ta' dan ir-review mhumiex minhabba l-multa illi seta' wehel izda minhabba l-impatt li dan seta kellu; il-konsegwenzi fuq l-organizazzjoni tieghu. Heathcliff jidher iwiegeb illi hu kien diga minn naha tieghu tkellem ma wiehed mill-impjegati ta' Tumas Gaming rigward dan ir-review u li f'dan ir-rigward kien ukoll tkellem mad-Direttur tal-FIAU ta' dak iz-zmien Kenneth Farrugia fejn qed jghid li qallu li r-rizultanzi kellhom johorgu xahrejn qabel izda gew imwaqqfa. F'dawn ic-chats, Farrugia jidher jikkonsla lil Fenech billi jghidlu illi l-findings tar-review ta' Tumas Gaming ma jkunux pubblici u li l-FIAU ma tistax ma tohrogx ir-rapport taghha. L-imputat Healthcliff Farrugia jghidlu wkoll li kien qed jipprova jixtri l-hin, dan hu l-kliem sabiex jittardja il-hrug tar-rapport fil-konfront ta' Tumas Gaming. Fl-istess messaggi, ***Heathcliff Farrugia jizvela ma Yorgen Fenech billi jghidlu li fil-jiem li gejjin kienet ukoll ser issir inspection ohra gewwa Casino Malta fejn qed jghid ukoll lil Yorgen Fenech li dawn ukoll ghandhom il-problemi*** (enfasi tal-Qorti). Farrugia jkompli jghid lil Jurgen li r-review fil-konfront ta' Tumas Gaming ma kienitx xi haga personali izda li riedu l-aqwa casino ghall-investigazzjoni u ghaldaqstant minhabba li kienet gejja l-Moneyval, ghazlu l-organizazzjoni tieghu, jigifieri ta' Fenech li giet maghzula ghaliex kienet wahda mill-aktar fi kliemhom regolata ikkomparata ma casinos ohra.

***Fid-dawl ta' dawn il-fatti li Heathcliff kien qed jizvela din l-informazzjoni fuq Compliance Review ohra li kienet qeda issir f'Casino Malta ma persuna li mhux fl-interess taghha li tkun taf dawn id-dettalji*** (enfasi tal-Qorti), il-pulizija wettqet iktar indagini u tkelmet kemm ma impjegati tal-MGA u kemm ma impjegati tal-FIAU. Minn naha tieghu, tkellem mad-Direttur tal-FIAU fejn ikkkonferma li fil-fatt bejn it-18 ta' Novembru, 2019 u l-4 ta' Dicembru, 2019 verament kienet sehhet inspection kongunta bejn l-FIAU u l-MGA fuq l-operat ta' Casino Malta jigifieri dak li gie zvelat gie kkonfermat permezz ta' fatti li huwa ottjena mill-FIAU u l-kumpanija kienet giet notifikata f'din ir-review fis-16 ta' Ottubru, 2019. IL-pulizija tkellmet ukoll ma Rudolph Muscat li huwa l-Manager fl-FIAU fejn kkonferma li l-preparamenti u d-diskussjonijiet ghar-review ta' Casino Malta kienu ilhom li bdew sa minn Lulju 2019 fejn fil-fatt is-sur Muscat imbaghad baghtlu komunikazzjoni li hu kien baghat lil Jospeh Attard bhala Head of Enforcement fl-MGA, Head of Anti Money Laundering f'email datata 26 ta' Lulju, 2019.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, fl-14 ta' Awwissu, 2020 talab li jinhareg mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkuzat u dan gie esegwit minnu fl-istess jum flimkien ma PS 1240 Joseph Camilleri. Saru zewg tfittxijiet dakinhar, wahda fir-residenza tal-akkuzat gewwa Victoria Flats, 7 Penthouse, St. Mary Street, Naxxar u ohra fl-ufficju tas-CEO (dak iz-zmien l-imputat stess) gewwa Smart City. Mir-residenza tieghu gie elevat mobile phone tat-tip Iphone u mill-ufficju tieghu gie elevat laptop li gie mehud mit-taqsima tas-Cybercrime li kienu qed jakkompanjawhom. Saret ukoll request lil MTA permezz ta' L-ispettur Timothy Zammit sabiex issir extraction tal-mailbox bl-email tal-akkuzat.

L-akkuzat gie mitkellem darbtejn mill-pulizija. L-ewwel darba fil-jum tal-arrest tieghu nhar l-4 ta' Awwissu, 2020 fejn dan irrinunzja ghal ghajnuna legali. Ittiehdet stqarrija nhar il-31 ta' Awwissu, 2020 wara li kien inghata il-police bail u kien assistit minn Dr Ezekiel Psaila. Meta gie mistoqsi dwar il-messaggi li ghaddew bejnu u bejn Yorgen Fenech qal li hu ma kienx involut fil-preparazzjoni ta' review f'Casino Malta. Qal li beda jghid hekk lil Yorgen sabiex jikkalmah minhabba it-ton li kellmu bih. Dan ikkontradixxi dak li sabet il-pulizija meta gabret il-komunikazzjoni mill-FIAU, imbaghad mill-MGA u mill-email extraction li ghamlet l-MITA ta' l-istess mailbox tieghu li juru li kien diga infurmat b'dan il-fatt li kienet ser issir din l-inspection gewwa Casino Malta. Huwa pprezenta faxxikolu ta' dawn ic-chats li gie mmarkat bhala dok GF1. Ipprezenta email datata 6 ta' Awwissu 2019 mibghuta minn Joseph Attard fi hdan l-MGA mibghuta lil Heathclifff Farrugia fejn qed ighidlu *below are the first twelve (12) operators selected for an AML examination*, wiehed minnhom li qieghed ihhajlajtjat bir-roza huwa Casino Malta Limited; din l-email giet markata bhala dok GF2.

Ix-xhud ipprezenta wkoll email li gie moghti lilhom mis-sur Randolph Muscat fi hdan FIAU datat 31 ta' Awwissu, 2020 mibghut minn Randolph Muscat mil-FIAU lil Joseph Attard. Jidher li fis-26 ta' Lulju, 2019 l-FIAU baghtu email lil MGA u cioe lil Joseph Attard u dan javza lis-superjuri tieghu bil-lista tal-AML examinations li kienu ser isiru. Dan gie mmarkat bhala dok GF3. Ipprezenta wkoll kopja tal-istatement li irrilaxxja l-akkuzat nhar l-14 ta' Awwissu, 2020 gewwa CD li gie mmarkat bhala dok GF4 u kopja tal-istatement rilaxxjat nhar il-31 ta' Awwissu, 2020 li hu statement bil-miktub li gie mmarkat bhala dok GF5, kopja tar-rifjut ghall-asistenza legali mmarkat bhala dok GF6, u kopja tal-mandat ta' tfittxija markat bhala

dok GF7, Seizure form 1613 datat 14 ta' Awwissu, 2020 minhabba l-mobile li gie elevat minn fuq l-persuna tal-akkuzat mill-pulizija mmarkat bhala dok GF8 li jinsab f'evidence bag markat bhala dok GF 9 u l-extraction tieghu fuq CD immarkat bhala dok GF 10 u finalment l-evidence bag fejn tinsab din l-extaction markata bhala dok GF11.

**PS 1240 Joseph Camilleri** stazzjonat l-FCID xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 u qal li fl-14 ta' Awwissu, 2021 kien gie mitlub mill-ispettur George Frendo biex jassistih biex jesegwixxu mandat ta' arrest u tfittxija fuq l-akkuzat. Jikkonferma li dan kien gie esegwit u l-akkuzat kien inghata d-drittijiet legali tieghu. Ikkonferma li minn gewwa daru gie elevat Iphone u kien hareg ricevuta ghalih. Wara ghamlu tfittxija fl-ufficju tieghu gewwa l-ufficini tal-MGA Smart City u minn hemm gie elevat laptop. Wara marru id-depot u fil-presenza tieghu irrilaxxja stqarrija permezz ta' *audio visual recording* u wara gie rilaxxjat u inghata il-police bail.  Dan rega gie mitkellem fil-31 ta' Awwissu, 2021 u rrilaxja it-tieni stqarrija tieghu.

**L-Ispettur Timothy Zammit** stazzjonat Cybercrime Unit xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 u qal li kien gie mitlub mill-ispettur George Frendo biex jghamlu tfittxija fil-laptop li gie elevat minghand l-akkuzat mill-ufficju tieghu gewwa MGA, Smart City, Kalkara. Il-laptop kien mudell HP X360 bin-numru tas-serje 5CD750975Z. Dan pero ma kienx gie analizzat ghaliex sussegwentement kienet ingabret informazzjoni minn x'imkien iehor. Qal li kien ghamel ukoll talba lil MITA sabiex jinghataw kopja tal-mailbox tal-akkuzat u din inghatat lilhom u tinsab esebita f'evidence bag mmarkat bhala dok GF11.

**Reuben Gauci** xehed nhar it-22 ta' Novembru 2021 f'isem il-MITA, it-tim responsabbli li jipprocessa *requests for information u investigation* meta jkunu gejjin mill-pulizija. Spjega li nhar l-14 ta' Awwissu kien ircieva request minghand l-ispettur Timothy Zammit ghal xi informazzjoni. Huwa skatta l-process minnufih, qal li huma izommu retention period ta' sitt xhur biss. Id-data ingabret mill-ispettur Timothy Zammit fid-29 ta' Settembru mill-MITA Data Centre. Din tpoggiet f'evidence bag bin-numru X801959, immarkat bhala dok GF11. Id-data hija kollha encrypted b'password u dan isir biex jekk tintilef in transit min isibha ma jkunx jista jaccessaha. Huma ghaddew ukoll kopja tal-*encrypted key* l-ewwel parti minnha ghaddewha b'email u t-tieni parti taghha permzz ta' SMS. Huwa ghadda kopja tar-rapport li kien ghadda lill-pulizija ezekuttiva mal-informazzjoni mitluba li gie mmarkat bhala dok RG1.

**Rudolph Muscat** xehed nhar it-22 ta' Novembru 2021 bhala manager ta' wiehed mit-teams tal-FIAU. Ikkonferma li s-settur tal-Gaming jaqa' taht wahda mit-teams tieghu. Qal li seta jghati biss *overview* generali ta' dak li jsir fl-FIAU minhabba n-natura sigrieta tal-operat taghhom. Qal li darba fis-sena issir risk assessment billi jkun hemm *subject person* u jghamlu supervision fuqha. Qal li huma jghatu kopja tal-lista bhal per ezempju lil MGA sabiex huma jkunu jistghu jghamlu supervision fuq l-istess subject persons; fl-istess hin l-FIAU ma jkunux prezenti fl-investigazzjoni li zzomm l-MGA. Imbaghad sta ghal-MGA li taghmel l-investigazjzoni skond ir-rizorsi taghha; ma jindahlux fir-rigward ta' *timeframe*. **Is-*subject person* jista jkun casino. Il-lista ma tkunx pubblika. Tinghata kopja lil-Awtorita koncernata li f'dan il-kaz kien l-MGA.** Jghid li generalment l-Awtorita' tigi nformata xi tlett gimghat qabel ma issir l-*overview*. Mhux

dejjem jinghata zmien. Meta jinghata zmien dan isir biex ikun hemm hin biex tingabar id-*documentation* mitluba.

Muri d-dok. GF3 esebit fl-atti jghid li din hija l-lista li intbaghtet nhar is-26 ta' Lulju 2019 bhala email lil Joseph Attard tal MGA u lil Elena Tabone, Claudia Callus, Lisa Marie Cassar lkoll ufficjali tal-FIAU. Ikkonferma li dan Joseph Attard kien jahdem fid-dipartiment tal-Anti Money Laundering tal-MGA. Generalment ikunu informati meta ser isiru dawn l-examinations. Qal, b'referenza ghal din l-email, li r-*review* saret fil-11 ta' Novembru 2019 'l quddiem. F'dan il-kaz ir-review sar mill-ufficjal tal MGA fllimkien ma ufficcjal tal FIAU.

Jispjega li l-lista ma ssirx biss ghall-land based casinos izda tkun wahda komprensiva u tigi kompilata mill-FIAU. Issir a bazi ta' risk profile u mhux bl-amment.

**Joseph Attard** xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fil-kapacita tieghu ta' Head of Anti Money Laundering. Muri id-dokument immarkat bhala dok GF 2 jikkonferma li kien baghatha hu fis-6 ta' Awwissu 2019 lill-akkuzat. F'din l-email indika is-selection tal-operators li intghazlu biex jghaddu minn inspection, kien hemm total ta' tnax. Hemm parti ohra li titratta ta' kif kellhom isiru l-inspections fejn il-*gaming company* ikollha *betting shop* barra minn Malta. Spjega li r-reviews li jsiru huma AMLCFT inspections biex jaraw kemm il-*gaming company* hija compliant mar-regulations tal-FIAU fejn jigu ccekkjati hafna parametri differenti. Wara li ssir inspection johrog rapport, dan jintbaghat lill-operatur biex jara jekk iridx johrog xi kjarifiki. Wara li jircievu ir-rapport bil-kjarifiki, dan jintbaghat lil FIAU biex

jigi determinat jekk hemmx xi *breach* jew jekk hemmx xi xoghol li jrid isir Dawn jigu maghzula mill-FIAU. Jittiehdu numru ta' STR's u b'risk *based approach* jigu maghzula.

Ix-xhud rega xehed nhar il-25 ta' Mejju, 2022 u jghid li huma qatt ma marru jghamlu audits ghall gharrieda u apparat qatt ma kkonfiskaw. Kien ikun hemm pjan u cioe meta jmissu xi opertur kienu icemplulu, kienu jiftiehmu, ituh zmien anke sakemm itihom id-dokumentazzjoni u sakemm jaqrawh ma jistghux jmorru jghamlu audit minghajr ma jkunu ppreparati. Ma hiex xi haga li jmorru ihabbtu l-bieb u isibuhom ma wicchom. Gieli saru djalogi u diskussjonijiet bejniethom meta jkollhom isiru dawn l-audits. Kien ikun hemm certu flessibilita'. Jikkonferma darb ohra li l-inspection fil-casino saret fil-11 ta Novembru, 2019. Hemm erbgha land based casinos Malta bil-licenzja, pero tnejn minnhom jaqaw taht l-istess licenzja. L-audits ma jsirux f'daqqa; wahda wara l-ohra minhabba in-nuqqas ta' resources li ghandhom. Jikkonferma li dak iz-zmien kienu gejjin tal-Moneyval u li veru kienu iddecidew li jibdew bl-audit tal-casino ta' Portomaso. Dan ghamluh mhux ghax kien iktar riskjuz izda biex jaqtghu figura tajba mal-Moneyval. **Mistoqsi jekk jghidux lil xi casino partikolari li ser issir audit f'casino iehor jghid li le izda jghamlu audits f'kull casino**. **Jghid ukoll li jekk haddiehor isaqsih fuq meta ser isiru audits f'casino partikolari ma jghidilhomx ghax mhux affari taghhom. Mistoqsi jekk jafx li kien marbut b'segretezza jghid li huwa konxju ta' dan specjalment seta jidhlu suspetti f'certi transazzjonijiet ghax inkella tigi tipping off. Pero rigward kliem fuq audits ghalkemm huma sigrieti** mhux bhal-kaz ta' STR's li tipprovdi l-ligi stess li ma tistax tizvelhom. Fuq audits ikun hemm konversazzjoni informali anke bejn is-settur jigifieri pero zgur li mhux fuq l-istess livell ta' STR. **Mistoqsi jekk kienx qal lill-akkuzat biex**

**jinforma lil Yorgen Fenech bil-kwisjtoni tal-audit iwiegeb '*le zgur li le'.***

**Christopher Formosa**, stazzjonat ic-Cybercrime Unit xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 u esebixxa kopja tal-kuntratt ta' impieg tal-akkuzat ffirmat minn Marlene Seychell bhala chairperson tal-Malta Gaming Authority datat 21 ta' Novembru, 2018 u dan gie terminat fis-16 ta' Novembru 2020. Il-kuntratt gie mmarkat bhala dok CF2 u t-termination form mahruga mill-JobPlus gie mmarkat bhala dok CF1.

**L-ex Spettur Neil Caruana** xehed nhar l-4 ta' Mejju 2022 u kkonferma li nhar il-15 ta' Awwissu 2020 l-ispettur George frendo kien talbu jassistih f'investigazzjoni li kienet ghaddejja. Gie mitlub jghamel estrazzjoni ta' mobile phone u ta' SIM card. Dawn taw rizultat posittiv. Huwa pprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dok NC. Dak iz-zmien kien stazzjonat il-laboratorju tal-Forensika u kien ghadu Surgent bin-numru 422. F'din ir-relazzjoni hemm id-data li ittiehdet minn fuq il-mobile phone.

**L-espert Keith Cutajar, xhed nhar il-25/05/**2022, fejn jikkonferma li kien gie nominat mill-Qorti nhar l-4 ta Mejju 2022 sabiex janalizza mobile phone tal-akkuzat specifikament il-*whatsapp messages* bejnu u bejn Yorgen Fenech. Din ic-chat giet *extracted* u inserita fir-rapport tieghu mmarkat bhala dok KC1.

Ix-xhud espert rega xehed nhar it-18 ta' Novembru 2022 u jghid li huwa ghamel id-*decryption* bil-password provduta l-gdida u ghamel rapport li

iddokumenta x'kienet il-password u ghandu USB bid-data kollha mahruga kif suppost. Dan ir-rapport bil-pendrive hu mmarkat bhala dok KC2.

L-imputat **Heathcliff Farrugia** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar id-3 ta' Marzu 2023, u kkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' CEO tal-Malta Gaming Authority minn April 2018 sa Novembru 2020. Spjega x'kien jikkonsisiti l-kariga ta CEO tal MGA. Qal li kien jiehu hsieb kemm l-online casinos kif ukoll il-land based casinos. Spjega li l-Portomaso u Oracle Casino igawdu minn split concession. Qal li l-Gvern johrog concession li jkun hemm bzonn casino xi hadd jirbaha u jinfetah Casino. Fil-kaz tal-Portomaso u Oracle fi zmien meta ma kienx impjegat mal MGA kienet harget split concession jigifieri inqasmet il-concession. Dan ifisser li l-kaxxi tal-loghob u l-imwejjed li hemm fiz-zewg casinos ma jaqbzux il-limit li jista' jkun hemm f'Casino wiehed. Minn naha ta' regulatory perspective jghidu li hemm tlett concessions ghalkemm in realta hemm erba' Casinos

.

Jghid li Yorgen Fenech kien CEO tal-Casino ta' Portomaso kif ukoll ta' numru ta' gaming companies li kienu remote. Dwar il-whatsapp chat li kellu ma Yorgen jghid li dak iz-zmien Yorgen kien inkwetat fuq xi multa li setghet tohrog fuq AML. Kienet saret compliance fuqu. Qal li kien qed jipprova jikkalmah peress li kien gja issemma fil-gazetti fuq allegazzjonijeit li jikkoncernaw lilu. Dak iz-zmien Yorgen kien CEO li jhaddem iktar minn erba' mitt ruhu u li jhallas iktar minn erba' miljun taxxa fis-sena. Kien dejjem jipprova isib bilanc bejn il-business developer u r-regolatur. Kien ircieva ittra fejn kien hemm imnizzel il-findings li kienu sabu fl-operat tal-Casino tieghu li kienet wahda komuni. Izda huwa hass ruhu urtat u inhasad biha. Haseb li kien qed issir xi attakk personali kontra tieghu biex

igibuh f'dell ikrah. Qal li ma kienx qed jistenna li fid-9.30p.m jibghatlu CEO fuq whattsapp u fil-fatt hasditu ma kienitx xi haga normali jew xi haga li kien qed jistenna.

**Meta kellu ic-chat mas-sur Yorgen Fenech ma kienx ghadu jaf meta kienet ser issir l-inspection fil-Casino**. Fil-fatt l-FIAU lanqas ma kienu ghadhom ikkonfermawlu jekk din il-compliance review kienitx ser ssir fis-sena 2019 jew fis-sena 2020. Ghalhekk ma kienx veru li l-gimgha ta' wara kien ser ikun hemm il-compliance review ta' Casino Malta. **Lilu qallu hekk biex jikkalmah u biex juruh li jimxu ma kulhadd l-istess.** Ghalhekk qallu li l-gimgha ta' wara kienu ser jibdew ma l-ohrajn pero ma kienx veru. Huwa sar jaf meta kienet ser issir il-compliance review tal-Casino Malta fis-16 ta' Ottubru 2019. Attwalment Kwazi xahar wara li kellu l-whattsapp chat ma Yurgen Fenech. Kienet gidba ghal bzonn biex jikkalmah. Ikkonferma li fit-30 ta' Settembru la saret inspection u lanqas ma kienet skedata li ssir.

Bhala CEO ma tantx ikun involut fl-inspection. Bhala CEO ikollok persuna responsabbli f'kull area. B'referenza ghad dok GF3 din hija email li intbaghatet minn Rudolph Muscat tal FIAU fil-31 ta' Awwissu lil George Frendo li kien qed jghamel l-investigazzjoni fuq dan il-kaz. Hemmhekk jghidlu 'please find attached original communication with list of entities being planned for July 2019 to July 2020. Din taghmel referenza ghall-email originali li intbaghtet f'Lulju, 2019 u li sa dak iz-zmien fid-dok GF3 huwa ma kienx ikkupjat jigifieri ma kienx ghadu dahal fix-xena. Fis-26 ta lulju 2019 harget il-lista ta min huma l-operaturi u ukoll huwa ma kienx ikkupjat. Din il-lista intbaghtet biss lil MLRO. **Huwa irceviha fis-6 ta'**

**Awwissu, 2019 meta intbaghtet lilu minn Joseph Attard li huwa l-MLRO tal-Awtorita. Il-heading taghha kien jaqra *'strictly confidential compliance review of Vivaro Limited'.*** Hawnhekk hemm miktub li ser issir fid-9 ta' Settembru. Huwa pprezenta email markata bhala dok HF1 li tannuncja ir-review tal-Casino Malta. Din baghtha Joseph Attard fis-16 ta' Ottubru, 2019 xahar wara li kellu c-chat ma Yurgen Fenech. Il-heading taghha jghid *Compliance Review of Casino Malta*. Ma hemm imkien miktub *strictly confidential* bhal fil-kaz ta qabel. Gie infurmat li r-review kellu jsir fil-11 ta Novembru 2019 u dan jikkonferma dak li qal qabel li ir-review qatt ma kien scheduled li isir f'Awwissu 2019 fiz-zmien mete kellu c-chats ma Yurgen Fenech. Peress li hemm biss tlett Casinos il-process hu li tlesti minn wiehed u tibda l-iehor ma hemmx element ta' *randomness* kif hemm fir-review tal-*online gaming companies* fejn hemm mal-mitejn u hamsin registrati. Ma setghetx issir review fil-Casino tad-Dragonara ghax il-concession taghhom kienet ser tiskadi. Huma bdew b'dak ta' Portomaso ghax kien l-inqas wiehed riskjuz. Dak iz-zmien kien hawn il-visits tal-Moneyval team. Filwaqt li kien hemm red flags fil-konfront tas-socjeta Vivaro ghax kien hemm *on record* li kien hemm multa ta' €600,000, fil-konfront ta' Casino Malta ma kien hemm xejn minn dan u kien ghalhekk li ma kienx hemm indikat li kienet confidential ghaliex l-materja ma kienitx *in strict confidence*. Ma kienux jikkunsidrawhom bhala sigrieti.

Jghid li bhala CEO jigi fdat fuq hafna affarijiet li ikunu sigriet u mhux fuq erba' kelmiet li hemm miktuba fic-chat li lanqas ma kienu veri. Jghid li hemm differenza bejn il-compliance review tal-AML u xi spezzjoni jew inkella raid li jmorru jghamlu l-pulizija jew tal-FIAU fuq x'imkien fuq xi ufficini. Huma involuti biss fuq *compliance reviews by appointment*. F'dan

il-kaz kienet intbaghtet ittra nhar is-16 ta' Ottubru 2019 ghal review li kien ser isir fil-11 ta' Novembru, 2019.

Ix-xhud rega xehed in kontro ezami nhar id-19 ta' April 2023 u jghid li hu kien qed jibbluffja ma Yurgen Fenech fic-chat ghaliex fil-verita kellhom jghamlu reviews tal-Casinos kolllha. Il-fatt li qallu li l-casino tieghu hija the best ma hiex xi informazzjoni sigrieta. Din qalha biex jikkalmah. Meta qallu li l-affarijiet ma kienux gravi lanqas kien jaf x'kienu l-affarijiet u jekk kienx hemm ghaliex l-audit kien ghadha ma saritx. Kienet l-ewwel darba li kien ser issir audit tal AML fuq Portomaso Casino. Huma uzaw il-Portomaso biex jitghallmu minnha ghaliex kienet l-ewwel darba li kienet ser issir audit fuq casino. Qal li is-sur Fenech kellu zewg min-nies li jahdmu mieghu ceru Patrick Demanuele u Anthony Farrugia u kellu relazzjoni taljba hafna mieghu. L-ewwel kienu bdew bil-Portomaso Casino u wara Casino Malta ma setghux jghamlu tad-Dragonara ghaliex il-concession tieghu kienet ser tispicca. Qal li l-multa li hadu Portomaso kienet ta €233,000 u l-Casino Malta hadu l-istess multa jekk mhux harira inqas. Kieku n-nuqqasijiet kienu gravi l-multa kienet tkun bhal ta Vivarro fl-ammont ta' €700,000. Kienu qalu lil casinos kollha li kien ser ikun hemm audit kemm l-online kif ukoll il-land based. Allura ma kien hemm l-ebda informazzjoni sigrieta.

Mistoqsi jekk kienx liberu li ikellem lil Kenneth Farrugia jghid li kienu jitkellmu liberament il-hin kollu. Kienu izommu meetings regolari. Kellhom relazzjoni ta' CEO ma CEO relationship. Pero ma jfissirx li kien jiddetta x'ser johrog. Lanqas Kenneth ma kien jiddeciedi. Mistoqsi jekk kellux kunflitt ta' interess li jghin lil Yurgen Fenech b'xi risposti li kellha bzonn l-FIAU jghid li le ghaliex l-MGA ma jkollhiex x'taqsam izda hija l-FIAU biss

li tiddeciedi fuq il-findings tal-ittra li tibghat hi. L-MGA ma tiehu l-ebda decisjoni minkejja li tkun parti mill-ispezzjoni. Din kienet l-ewwel darba kemm tal-MGA kemm tal-FIAU u kif ukoll tal-Portomaso. Kienu qed jitghallmu minghand xulxin fuq dan il-process. Kollox kien ghadu gdid ghal kull parti. Meta qal li setgha jghinu kien qed jibbluffja. Ried igibu f'posizzjoni li jehles minnu bil-pulit; ma setghux jaffordjaw jiksruha mieghu b'mod li taqbad tiqaflu. *It does not work that way*. Qablu kien hemm Joe Cushieri bhala CEO tal-MGA u AML inspection tahtu qatt ma kien sar. Ghamlu l-AML team meta giet l-Moneyval u ghalhekk qal li din kienet l-ewwel darba li kienu ser jaghmlu inspection. Dan kien tim gdid. Qabel ma gew il-Moneyval kienu jaqghu taht it-Third AML Directive u mhux il-Fourth u qatt ma kienet saritilhom inspection. L-ispetturi tal-MGA kienu jiccekkjaw biss il-gaming devices, li kienu *standard gaming procedures*. Ikkonkluda u kkonferma li Yurgen Fenech kien kelmu fid-9.00p.m ftit wara li kien ircieva in-notification letter u kien inkwetat li setghet tohrog il-multa f'dak il-perijodu. Il-multa kienet ser tohrog minhabba l-AML audit li kien sarlu. Dak iz-zmien Manuel Delia kien ser johrog xi ktieb u ghalhekk kien hemm certu biza u kien hemm klima kera fil-pajjiz u it-timing ta' meta kienet ser tohrog il-multa kien l-istess zmien.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-procediment, mid-dokumentazzjoni esebita u mid-depozizzjonijiet tax-xhieda mismugha.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema li ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-imputat kien

(fiz-zmien koncernat) is-CEO tal-Malta Gaming Authority u li huwa kien qal lil Yorgen Fenech, f'messagg mibghut mill-akkuzat lil Yorgen Fenech nhar it-23 ta' Settembru 2019 @21.31, "**Issa d-diehla jibdew l-inspections ta' intercontinental casinos**". **(ara dok GF1** a fol. 10 tad-dokument). U jidher ukoll li ma hemm ebda kontestazzjoni li l-fulkru tal-kaz tal-prosekuzzjoni huwa propju dak il-messagg partikolari. U cioe`, li l-imputat zvela fatt (li kienet ser issir inspection) dwar casino iehor, liema casino ma kellu x'jaqsam xejn mal-casinos ta` Yorgen Fenech.

Il-prosekuzzjoni tikkontendi li dan il-fatt kif ippruvat kontra l-imputat, huwa bizzejjed biex jikkostitwixxi l-fondament legali u sufficjenti ghas-sejbien tal-htija. Minnnaha tieghu, l-imputat, filwaqt li ma jichadx li kien hu li baghat dak il-messagg lil Yorgen Fenech, jispjega bazikament illi kien qallu hekk sabiex jipprova jikkalma l-ansjeta` li Yorgen kien qieghed jimmanifesta, u biex jurieh li ma kienetx qed issir xi forma ta` diskriminazzjoni kontra tieghu/ tal-casinos tieghu.

L-anqas ma gie kkontestat li l-imputat, bhala CEO tal-MGA, jikkwalifika bhala ufficjal pubbliku, funzjonarju pubbliku u ufficjal ta` awtorita` sorveljanti. U lanqas jidher li hemm xi kontestazzjoni dwar il-fatt li l-informazzjoni centrali ghal dan il-kaz, u cioe` - il-kontenut tal-email mibghuta minn Joseph Attard nhar is-06/08/2019, lill-imputat fost ohrajn (ara dok GF2 - giet ghandu u fdata lilu minhabba l-kariga tieghu bhala CEO tal-MGA.

In oltre, din il-Qorti hi tal-fehema li tali informazzjoni (il-kontenut tal-email de quo), mibghuta mill-Head of Anti-Money Laundering officer fl-MGA, fuq

direzzjonijiet tal-FIAU biex isiru certu supervisions, ghandha certament titqies, u hekk hija fin-natura taghha, informazzjoni li m'ghandhiex tinkixef, m'ghandhiex tigi zvelata, u kellha titqies bhala informazzjoni ta` natura sigrieta. Informazzjoni interna, dwar lista ta` entitajiet li gew maghzula biex issirilhom analizi jew investigazzjoni ta` Anti Money Laundering, ghandha titqies li hija informazzjoni sigrieta u ta` natura sensittiva, u ghandha tibqa *strictly confidential* bejn min hu awtorizzat ikollu dik l-informazzjoni u sakemm tali informazzjoni tkun tista legittimament u skond il-ligi tinghata lil terzi. Interpretazzjoni kuntraja ghal din ma tkunx sostenibbli fil-ligi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**;

**<u>Illi l-ewwel imputazzjoni tittratta l-Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 50 li jikkoncerna l-Att Dwar is-Sigrieti Ufficjali.</u>**

Dan l-artikolu jipprovdi is-segwenti:

"*Persuna li tkun jew li kienet funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern tkun ħatja ta 'reat jekk hija tikxef mingħajr awtorità leġittima xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li dan l-artikolu japplika għalihom u li jkun jew li kien għandha minħabba fil-kariga tagħha bħala tali*".

Skond l-artikolu 2(2)(b) ta' l-Kapitolu 377 tal-Ligijiet ta` Malta, "impjegati ta' l-Istat" jinkludu impjegati ta' korp kostitwit imwaqqaf b'ligi, bhalma hija l-Malta Gaming Authority u ghalhekk ma hemmx dubbju li l-akkuzat fil-

kariga tieghu ta' CEO tal-Malta Gaming Authority ghandu jitqies li huwa funzjonarju pubbliku. Pero l-ligi ma tridx li jigi pprovat dak biss izda li minhabba din il-kariga kixef mingħajr awtorità leġittima xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li gie fdat lilu proprju minhabba din il-kariga.[1]

Jinghad li minn qari tal-Kapitolu 50 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jidhirx li hemm definizzjoni jew liema informazzjoni ghandha titqies bhala sigrieta u ghalhekk wiehed jifhem li hija informazzjoni li tigi ghand l-funzjonarju pubbliku minhabba l-kariga tieghu. Dan l-artikolu jipprovdi li una volta l-funzjonarju pubbliku ikun ircieva xi informazzjoni, dokument jew oggett iehor mihabba tali kariga m'ghandhux jiksfu minghajr awtorita legittima.

F'dawn ic-cirkostanzi, u a bazi tal-provi prodotti, il-konkluzjoni hi li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha dwar dan ir-reat kontra l-imputat.

**<u>It-Tieni imputazzjoni tittratta l-artikolu 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01</u>**

Fit-tieni imputazzjoni l-imputat gie akkuzat talli bhala ufficjal ta' awtorita sorveljanti zvela lil terza persuna (f'dan il-kaz qed jigi allegat li zvela lil Yurgen Fenech) xi analizi jew investigazzjoni u dan ai termini tal-artikolu 16 tal L.S 373.01. Jinghad li fil-waqt li l-prosekuzzjoni ipprovat li l-akkuzat kien jokkupa l-kariga ta' ufficjal ta' awtorita sorveljanti ghaliex kien jokkupa l-kariga ta' CEO kellha tipprova ukoll li kien hemm investigazzjoni ghaddejja li tikkoncerna lill-istess terza persuna f'dan il-kaz Yorgen

[1] Vide Pulizija v. Emanuel Faure, deciza mil-Qorti tal- Appell Kriminali, fil- 8 ta' Gunju 2011

Fenech, u b'dak li qallu kien qieghed jizvela parti mill-investigazzjoni li kienet qed issir f'dan il-kaz li jikkoncerna il-casinos tieghu.

Minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, kif del resto gew aktar il-fuq u in succinct, esposti, din il-Qorti tqis li dan ir-reat addebitat ma hux sostenibbli, u konsegwentement l-imputat ma jistax jinstab hati tieghu.

**<u>It-tielet imputazzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 257 tal-Kodici Kriminali.</u>**

Illi dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati ..".*

Illi minn esami ta' din id-disposizjoni tal-ligi u cioe l-artikolu 257 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li s-suggett ta' dan ir-reat jista jkun 'kull persuna' kuntrarjament ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 133 tal-Kap 9 li japplika biss ghal min hu uffiċjal jew impjegat pubbliku. Konsegwentement mhemmx dubbju li tali disposizjoni tal-ligi tapplika wkoll ghall-imputat odjern. Pero' l-prosekuzzjoni trid tipprova diversi elementi sabiex dak li jkun jista' jinsab hati ta' dan ir-reat.

Fl-ewwel lok trid tipprova li l-imputat sar depositarju ta' sigriet minhabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu u li hu kixef dan is-sigriet u dan f'cirkostanzi fejn il-ligi ma obbligatux jgharraf lil xi awtorita' pubblika. Il-prosekuzzjoni trid tipprova:

1. Li l-imputat sar depositarju ta' sigriet.

2. Li s-sigriet gie fdat lilu minhabba l-kariga tieghu (f'dan il-kaz ta' CEO tal-Malta Gaming Authority) u

3. Li l-imputat kixef dan is-sigriet lil terz li ma kienx jaf bih.

Jinghad li l-prosekuzzjoni trid tipprova it-tlett elementi f'daqqa u jekk wiehed minnhom ikun nieqes ifisser li ma pprovatx ir-reat. Vide f'dan ir-rigward is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulzija (Angelo Gafa) vs. Ryan Borg**[2] fejn il-Qorti analizzat dan ir-reat u tenniet li dawn it-tlett elementi huma kumulativi u fin-nuqqas ta' wiehed minnhom dan ir-reat ma jistax jissusisti.

Jinghad bla tlaqliq li hawnhekk, naturalment a bazi tar-rizultanzi processwali cari u inekwivoci, l-prosekuzzjoni irnexxielha wkoll tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi ghal dak li jirrigwarda it-tielet imputazzjoni.

**Ir-Raba imputazzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 133 tal-Kodici Kriminali.**

[2] deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Consuelo Scerri Herrera, fil- 20 ta' Novembru 2018

Hawnhekk l-imputat gie akkuzat taht l-Artikolu 133 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:-

"*Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun ġie fdat lilu jew li jkun ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa sigriet jew illi b'xi mod igħin biex jiġi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati.........*"

Illi l- Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid dan dwar dak li llum hu l-Artikolu 133 tal-Kodici Kriminali;

"*Section 131 of the Criminal Code which creates this offence is identical with article 177 of the Italian Code of 1889, apart from the saving which our provision makes of any case where the act of the offender constitutes a more serious crime as, for instance, under the Official Secrets Ordinance (Chapter 82) or a crime of treason under Section 56 of the Criminal Code. This crime can be committed only by a public officer or servant. Breach of secrecy by other persons, exercising a profession or calling involving confidence, is dealt with under Section 270 [illum 257] of the Criminal Code. The said crime can be committed not only in relation to documents but also in relation to "facts" –"potendovi essere interesse a custodire il segreto di fatti conosciuti come di documenti posseduti: fatti conosciuti per ordini, per comunicazioni verbali, per dispacci ricevuti." (Report of the Chamber of Deputies on the project of 1887, n.exlii).*

*The mateial act may consist alternatviely in "communicating" or "publishing" or "in any manner facilitating the knowledge" of any document or fact held by or known to the agent by reason of his office. "Communicating literally means giving information of the matter to a determinate person; "publishing" means a disclosure made, not so much repeatedly to different persons, as by means of indeterminate and extensive publicity. It need hardly be said that to constitute the crime, the disclosure of the secret matter made by the public officer or servant must be wilful...made with the consciousness of contravening the legal prohibition. Mere negligence or imprudence is not sufficient, saving, of curse any disciplinary action which such negligence or imprudence may entail.*

*Finally, where the disclosure of any secret document or fact is made by a public officer or servant as a result of corruption, the case would fall to be governed by the provisions applicable thereto and not by section 131. (Confer Carrara, Programma Parte Specilae, Vol.V. para.2557; Maino, op.cit.art.177, para.951.)"* .

A skans ta` ripetizzjoni, din il-Qorti hi tal-fehema li hawnhekk, naturalment a bazi tar-rizultanzi processwali cari u inekwivoci, l-prosekuzzjoni irnexxielha wkoll tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi ghal dak li jirrigwarda r-raba imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aktar sanzjoni indikata ghal dan il-kaz din il-Qorti tirrileva li l-imputat veru zvela fatt lil terza persuna bi ksur tal-ligi u allura ghandu jirrispondi ghall-ghemil tieghu, izda tqis ukoll il-kuntest li fih sehh dan, u huwa hawnhekk fejn din il-Qorti temmen il-verzjoni ta` l-imputat meta jghid li qal dak id-diskors (ghall-finijiet tal-ligi, gie li zvela fatt) lil Yorgen Fenech biex jikkalmah.

Il-Qorti sejra tkun ekwa u gusta fic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz; almenu, hekk temmen li sejra tkun.

**Konkluzjoni.**

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li ssib lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha qed tilliberah skond il-Ligi; rat l-Artikoli 17, 31, 133, 257 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 50, u konsegwentement issib u tiddikjara lil **Heathcliff Farrugia** hati ta` l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet, u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-llum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

In oltre, bis-sahha tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati jhallas l-ispejjez marbuta mal-hatra u rapporti ta` l-espert nominat Keith Cutajar.

Tordna ghalhekk li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti sabiex tigi esegwita din l-ordni.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Bernardette Zammit

Deputat Registratur